**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 132/2022 MS*

**Agostina sive Ina Cini; Gemma Brownrigg, u b'digriet tas-7 ta' Marzu 2024, stante l-mewt tar-rikorrenti Gemma Brownrigg, l-atti f'isimha ġew trasfużi f'isem Joseph Brownrigg; Carmelo sive Charles Grima; Angelo Grima; Alessandra Spiteri; Angela sive Gillian Gauci Borda; Carmelina Borg; Mary Anne sive Miriam Vella; Claude Grima; Anjelica Ellul; Simon Grima; Edward Grima Baldacchino; Vanessa Frazier u Gordon Grima Baldacchino**

**Vs.**

**L-Avukat tal-Istat; u Serafina Delia għal kull interess li jista' jkollha**

Illum, 30 ta' Mejju, 2024

Kawża Numru: 6K

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fis-7 ta' Marzu, 2022 li bih, wara li ġie premess hekk:

Ir-rikorrenti huma s-sidien tal-proprjetà ossia l-fond numru 44, Triq il- Kbira, Zejtun (Dok. 'A').

L-inkwilina ilha tokkupa l-fond surriferit għal żmien twil taħt titolu ta' kera stabbilit u miżmum taħt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69, senjatament l-artikolu 3, flimkien mad-disposizzjonijiet tal-Att X tal-2009, senjatament l-artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għalhekk l-intimata baqgħet tgawdi kirja sfurzata fuq is-sid u thallas biss kera ta' €211.50ċ fis-sena, illi hija dik il-kera massima li jipprospetta l-artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr ma nżamm il-proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal- inkwilin. Ma hemm l-ebda dubju illi din hija kera baxxa, speċjalment ikkunsidrat dak li l-proprjetà kapaċi iġġib fis-suq miftuħ.

Illi huwa stat ta' fatt illi d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-anqas qabel dahal fis-seħħ l-Att XXIV tal-2021, ta d-dritt lill-intimata li tibqa' tgħix fil-fond suriferit minkejja li skada t-terminu lokatizju, b'kera irriżorja li ma tirriflettix is-suq u lanqas żżomm bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, bl-uniku awment permessibli jkun dak skond ir-rata ta' inflazzjoni kif determinata mill- Awtoritajiet Governattivi. Dan irriżulta għal relazzjoni sforzata ta' sid u inkwilin għall-perjodu indefinit.

Illi b'dan il-mod, ir-rikorrenti ġew mċaħħda mit-tgawdija tal-proprjeta' taghhom, mingħajr ma ġew mogħtija kumpens xieraq għat-tehid tal- pussess tal-istess fond. Għaldaqstant ġew privati mill-proprjeta' tagħhom bi ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal- Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-livell baxx ta' kera, l-istat tal-inċertezza tal-possibilità tat-teħid lura ta' propjetà, in-nuqqas ta' salvagwardja proċedurali, iż-żieda fil-livell tal-għejxien f'Malta f'dawk l-aħħar decimi u l-interferenza sproporzionata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piż eċċessiv fuq ir-rikorrenti.

Għalhekk fil-fehma umili tar-rikorrenti, d-drittijiet tagħhom ġew miksura ai termini tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal- Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentement għandhom dritt jirċievu kumpens, stante illi ġew privati, mingħajr ma ngħataw kumpens gust għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom

din il-qorti ntalbet, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi per konsegwenza tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021, inkluż tal-artikolu 3 tal-istess Kapitolu fil-liġi, u/jew minħabba l-Att X tal-2009, ġew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal- proprjeta' tagħhom ossia l-fond numru 44, Triq il-Kbira, Zejtun bi vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja;

2. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-intimat l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni, li jinkludi danni non-pekunjarji, sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-liġijiet suċċitati fit-talba preċedenti;

3. Tillikwida l-istess kumpens u danni bil-hatra ta' perit nominandi;

4. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jhallas l-istess kumpens u danni likwidati;

5. Tagħti dawk ir-rimedji kollha meqjusa xierqa;

   Bl-ispejjeż u l-imgħax legali kontra l-intimati li minn issa huma ngunti għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta mressqa mill-Avukat tal-Istat fil-5 ta' Mejju 2022[1], li permezz tagħha ġie eċċepit:

1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti għandhom iġibu prova tat-titolu ta' kull wieħed u waħda minnhom fuq il-fond 44, Triq il-Kbira,iż-Żejtun;

2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għal dak fuq premess, ir-rikorrenti għandhom ukoll iġibu prova li l-intimata Serafina Delia tassew igawdu minn kirja protetta skond il-**Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi t-talba li din l-Onorabbli Qorti ssib ksur tal-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** hija improponibbli għal kull perjodu qabel it-30 t'April

[1] A folio 41.

1987 u dan in vista ta' dak stipulat fl-**Artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta** u ċoè li l-ebda ksur tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 m'għandu jagħti lok għal xi azzjoni quddiem il-Qrati Maltin;

4. Illi t-talba li din l-Onorabbli Qorti ssib ksur tal-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** hija wkoll improponibbli għal kull perjodu qabel ma r-rikorrenti akkwistaw titolu fuq fond kif ukoll għal kull perjodu wara li r-rikorrenti żvestew lilhom nfushom minn dak it-titolu, jekk inhu l-każ;

5. Illi bla ħsara għall-premess, l-esponent jirrileva wkoll li skond il-*proviso* tal-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** l-Istat għandu kull jedd jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjeta' skond l-interess ġenerali. Anke skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasburgu, l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u x'miżuri għandhom jittieħdu sabiex jiġu ndirizzati dawk il-ħtiġijiet soċjali. Tali diskrezzjoni tal-leġislatur m'għandhiex titbiddel sakemm din ma tkunx manifestament mingħajr bażi raġonevoli.

   Sewwasew fil-każ odjern id-dispożizzjonijiet tal-**Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta** u tal-**Kodiċi Ċivili** għandhom (i) għan leġittimu għax joħorġu mil-liġi; (ii) huma fl-interess ġenerali għaliex huma maħsuba biex jipproteġu l-vijabbiltà ekonomika ta; intrapriżi kummerċjali fl-interess tal-kummerċ kif ukoll tal-konsommatur; u (iii) jżommu bilanċ ġust u ekwu bejn l-interessi tas-sid, tal-inkwilin u tal-poplu konsommatur b'mod ġenerali.

   Jiġi b'hekk, li l-esponent ma jarax kif il-**Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta** jista' jitqies li jmur kontra l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll;

6. Illi in segwitu ta' dan, jingħad ukoll li bis-saħħa tal-**Att X tal-2009** kif emendat bl-**Att V tal-2010**, mill-1 ta' Jannar 2013 il-valur tal-kera beda jogħla kull tliet snin skond l-**Artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta)**. B'dan illi kull allegazzjoni li r-rikorrenti kienu qiegħdin isofru piż disproporzjonat hija infondata u insostenibbli;

7. Illi għalhekk meta wieħed jiżen dan kollu, il-konklużjoni hija **li l-ilmenti tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' proporzjonalità u dwar id-diffikultà tagħhom sabiex jieħdu lura l-pussess tal-fond tagħhom mhumiex ġustifikati**. Minn dan kollu jsegwi li ma hemm l-ebda ksur

tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, b'dana li kull talba konsegwenzjali marbuta ma' dan l-artikolu mhijiex mistħoqqa;

8. Illi kemm-il darba r-rikorrenti kellhom rimedji ordinarji disponibbli għalihom biex iżidu l-kirja jew biex jiżgumbraw lill-intimta Delia u huma traskuraw milli jikkawtelaw dawn id-drittijiet tagħhom dan mhu b'konsegwenza ta' ħadd aktar ħlief tagħhom stess. Għalhekk ir-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw minn ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom meta kienu huma stess li naqsu milli jħaddmu r-rimedji ordinarji li kienu disponibbli għalihom;

9. Illi stante li r-rikorrenti jilmentaw rigward il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta **kif applikabbli <u>qabel</u>** id-dħul fis-seħħ u stante wkoll li l-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali diġà rriteniet li l-emendi tal-Att XXIV tal-2021 li jibdlu l-Kap. 69 joffru rimedji ordinarji lis-sidien u b'hekk joħolqu bilanċ proporzjonat bejn l-interessi in kwistjoni (ara s-sentenza fl-ismijiet ***Reginald Fava et v. L-Avukat Ġenerali et*** tat-23 ta' Frar 2022) anke jekk *dato ma non concesso* din l-Onorabbli Qorti kellha ssib li saret xi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, **ma jista' jinstab l-ebda ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2021 'il quddiem**;

10. Illi fl-istess vena, jekk kemm-il darba permezz tal-ħames talba r-rikorrenti qiegħdin jitolbu l-iżgumbrament tal-intimati Abela, l-esponenti jeċċepixxi illi din l-Onorabbli Qorti mhijiex il-*forum* addattat sabiex tiddeċiedi dwar tali talba. Konsegwentament, din it-talba għandha tiġi miċħuda wkoll;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

3. Rat illi l-intimata Delia, għalkemm debitament notifikata skont il-liġi, ma ressqet ebda risposta fiż-żmien mogħti lilha;

4. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

6. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza;

Ikkunsidrat:

7. Illi din hija kawża li permezz tagħha r-rikorrenti qed jilmentaw minn ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għat-tgawdija paċifika ta' possediment tagħhom, u ċjoè tal-fond bin-numru erbgħa u erbgħin (44), qabel erbgħin (40)[2], fi Triq il-Kbira fiż-Żejtun (minn issa 'l quddiem, "il-Fond"). Ir-rikorrenti jgħidu li l-intimata Delia ilha żmien twil tokkupa l-Fond bis-saħħa ta' kirja li tiġġedded kontra r-rieda tagħhom permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini (Kapitolu 69 tal-liġijiet ta' Malta, u minn issa 'l quddiem imsejħa biss bħala "l-Ordinanza"). Jilmentaw ukoll li bl-emendi li twettqu bis-saħħa tal-Att X tal-2009, il-qagħda tagħhom ma tjibitx, filwaqt li d-dritt tal-intimata Delia li tkompli tokkupa l-Fond bl-istess titolu ta' kera baqa' mmutat.

8. Illi l-provi li tressqu waqt is-smigħ tal-kawża jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

    i. ir-rikorrenti preżentaw rapport iffirmat min-Nutar Miriam Musumeci Macelli dwar it-titolu tagħhom fuq il-Fond[3], minn liema jirriżulta dan li ġej:

        a) il-Fond kien inkiseb minn Angelo Grima, awtur fit-titolu tar-rikorrenti, b'titolu ta' *utile dominium* perpetwu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit tat-30 t'Ottubru 1945[4], kif soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tliet liri Maltin u ħames xelini;

        b) Angelo Grima miet ġuvni fit-12 ta' Mejju 1961. Is-suċċessjoni tiegħu kienet regolata b'testment konfezzjonat fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit fit-13 ta' Marzu 1961. B'dan it-testment, huwa nnomina bħala werrieta universali tiegħu lil ħutu Giuseppe u Carmelo f'ishma ndaqs bejniethom, filwaqt li ħalla l-użufrutt ġenerali fuq il-patrimonju kollu tiegħu favur ħutu Giuseppina Grima u Monsinjur Salvatore Grima;

[2] Ara folio 11.
[3] A folio 4.
[4] A folio 12.

c) Giuseppina Grima mietet xebba fl-10 ta' Frar 1981, u b'testment tal-10 ta' Frar 1981, innominat bħala eredi tagħha lil Monsinjur Salvatore Grima;

d) Monsinjur Salvatore Grima miet fis-27 ta' Jannar 1990, u l-eredità tiegħu kienet regolata minn testment magħmul fl-atti tan-Nutar Francis Micallef fil-5 ta' Marzu 1983. Huwa ma ħatar ebda eredi, iżda appunta bħala eżekutur testamentarju tiegħu lill-Monsinjur Dun Giuseppe Mifsud Bonnici bis-setgħa li jillikwida l-assi tiegħu kollha u jaqsam ir-rikavat bejn żewġ enti ekkleżjastiċi;

e) Carmelo Grima, wieħed mill-eredi ta' Angelo Grima, miet fid-19 ta' Jannar 1981. Is-suċċessjoni tiegħu kienet regolata minn żewġ testmenti magħmula fl-atti tan-Nutar Giuseppe Sammut fit-3 ta' Lulju 1968 u fit-3 ta' Lulju 1975, li bihom huwa nnomina bħala eredi tiegħu lit-tliet uliedu Gemma, Charles u Alfredo, filwaqt li ħalla l-użufrutt fuq ġidu kollu lil martu Emanuela Grima. Alfredo Grima, iben Carmelo, miet fil-15 ta' Diċembru 2006. L-eredità tiegħu ġiet regolata minn żewġ testmenti, u ċjoè dak fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin tas-6 t'April 1979 u dak fl-atti tan-Nutar Anthony Attard tat-13 ta' Settembru 1990. Bihom, huwa ħatar bħala eredi tiegħu lill-uliedu Alessandra Spiteri u Angela Grima, u ħalla l-użufrutt fuq ġidu kollu lit-tieni mara tiegħu, Victoria Grima;

f) Giuseppe Grima, li huwa l-eredi l-ieħor ta' Angelo Grima, miet fit-28 t'Awwissu 1986. Huwa ħalla żewġ testmenti konfezzjonati fl-atti tan-Nutar George Cassar fit-23 ta' Mejju 1975 u fit-2 t'Ottubru 1978. Fost laxxiti oħrajn, huwa ħatar bħala werrieta tiegħu lill-ħames uliedu, ċjoè Carmelina Borg, Joseph Grima, Miriam Vella, Agostina sive Ina Cini, Angela sive Gillian Gauci Borda, fi kwoti ta' sest indiviż kull wieħed, u lin-neputijiet tiegħu Edward, Vanessa u Gordon f'sehem ta' sest indiviż bejniethom. Joseph Grima, iben Giuseppe, miet intestat fis-7 ta' Frar 1987, u għalhekk wirtuh it-tliet uliedu Anjelica Ellul, Simon Grima u Claude Grima.

ii. skont ir-rikorrenti, l-intimata Delia ilha tokkupa l-Fond b'titolu ta' kera mill-anqas mis-snin tmenin, u fiż-żmien li fih infetħet din il-kawża, kienet qed

tħallas biss l-ammont ta' €211.50 fis-sena[5]. Min-naħa tagħha, l-intimata Delia xehdet li hija ilha tgħix fil-Fond mit-twelid tagħha u qabilha kienu jgħixu fih il-ġenituri tagħha[6];

iii. jidher li fis-sena 1993, il-kera li kienet qed titħallas mill-intimata Delia kienet tammonta għal Lm14 fis-sena[7]. Irċevuta oħra li ġiet preżentata hi dik li tkopri l-perijodu mill-24 ta' Diċembru 2018 sal-31 ta' Marzu 2019, fl-ammont ta' €67.26[8].

iv. b'sentenza mogħtija fl-4 ta' Novembru 2022 mill-Bord li Jirregola l-Kera wara rikors bin-numru 874/2021 LC[9], r-rikorrenti kisbu reviżjoni fl-ammont tal-kera pagabbli lilhom, billi żdiedet fis-somma ta' €4,400 fis-sena;

v. fil-mori tal-kawża nħatar ukoll perit tekniku li ħejja stima tal-valur lokatizju tal-Fond mis-sena 1987 sas-sena 2021, b'intervalli ta' ħames snin[10];

9. Illi esposti l-fatti li jemerġu mill-provi prodotti waqt is-smigħ tal-kawża, il-qorti sejra issa tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha.

Ikkunsidrat:

10. Illi l-ewwel eżerċizzju li għandu jsir mill-qorti jirrigwarda t-titolu tar-rikorrenti fuq il-Fond, sabiex tasal għal fehma dwar jekk ir-rikorrenti seħħilhomx juru li l-Fond tassew jikkostitwixxi possediment tagħhom.

11. Illi dwar it-titolu tagħhom, ir-rikorrenti straħu fuq rapport imħejji min-Nutar Miriam Musumeci Macelli, u preżentaw biss kopja tal-kuntratt t'akkwist ta' Angelo Grima mehmuż mal-istess rapport. Dan ir-rapport huwa ffirmat min-Nutar li ħejjitu, iżda ma ġie f'ebda ħin ġuramentat jew mod'ieħor awtentikat.

12. Il-qorti hija konsapevoli li l-istess rikorrenti diġà kisbu deċiżjonijiet oħrajn minn din il-qorti, diversament presjeduta, dwar beni mmobbli oħrajn li għandhom l-istess għeruq

[5] Ara l-affidavit ta' Claude Grima, a folio 72, kif ukoll l-irċevuti li jinsabu eżebiti a folio 114 sa 116.
[6] Ara l-affidavit tal-intimata Delia a folio 104.
[7] Ara folio 112.
[8] Ara folio 113.
[9] Kopja eżebita a folio 74.
[10] Inserit a folio 87.

ta' titolu li ressqu 'l quddiem f'din il-kawża. Għad li kien hemm xi deċiżjonijiet fost dawk miksuba mir-rikorrenti fejn ir-rapport fuq imsemmi ġie meqjus prova suffiċċjenti[11], din il-qorti jkollha tasal għal konklużjoni differenti. Fil-verità, dikjarazzjoni ffirmata iżda mhux konfermata bil-ġurament, u lanqas korraborata permezz tad-dokumenti li ssir riferenza għalihom fl-istess dikjarazzjoni, lanqas ma hija rikonoxxuta bħala prova taħt il-liġi tagħna, u wisq inqas għalhekk tista' titqies prova suffiċċjenti ta' xi fatt, ikun xi jkun.

13. Din il-qorti però xorta waħda se tasal għall-konklużjoni li r-rikorrenti seħħilhom juru li għandhom possediment, però mhux fuq l-iskorta tad-dikjarazzjoni msemmija. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Robert Galea vs. Avukat Ġenerali et*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 7/2/2017): «*Huwa biżżejjed, għall-finijiet ta' dak l-artikolu, li wieħed juri li għandu jedd fil-ħaġa li tkun li bih jista' jieqaf għall-pretensjonijiet ta' ħaddieħor. Imbagħad, għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa biżżejjed li l-persuna turi li kellha l-pussess tal-ħaġa li tkun*». Hekk, per eżempju, fil-kawża ***Catherine Tabone pro et noe vs. L-Avukat Ġenerali et*** (Qorti Kostituzzjonali, 27/3/2020) ġiet konsidrata favorevolment bħala prova ta' titolu għal finijiet ta' proċedura bħal din dikjarazzjoni *causa mortis*, liema prova qatt ma tkun kunsidrata suffiċċjenti weħidha f'azzjonijiet ċivili dwar titoli fuq proprjetà. Fil-kawża ***Paul Galea et vs. Avukat għal-Istat et*** (Qorti Kostituzzjonali, 15/1/2024), li kienet tirrigwarda mertu simili għal dak tal-każ odjern, kien osservat: «*Madanakollu, bl-istqarrija tal-kerrejja illi ilhom is-snin iħallsu l-kera lill-ġenituri tal-atturi u, wara mewthom, lill-attur Paul Galea f'ismu u f'isem ħutu, ma jistax ma jingħadx illi tressqet prova għall-inqas li l-atturi wkoll wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom kellhom pussess u għad għandhom pussess. Billi fin-nuqqas ta' prova kontrarja l-pussessur jitqies sid*[12]*, din hija prova tajba u biżżejjed għall-għanijiet ta' din il-kawża*».

14. Fil-każ odjern ukoll irriżulta li l-kera kienet qed titħallas lill-familja Grima u ilha snin twal titħallas lill-istess familja, u l-prova tal-ħlas tal-kera turi li l-familja Grima, b'mod kollettiv, huma pussessuri *de jure* tal-Fond. Dan il-pussess imbagħad joħloq presunzjoni ta' proprjetà li ma ġiet b'ebda mod megħluba f'dawn il-proċeduri, u għalhekk huwa

[11] Ara, per eżempju, d-deċiżjoni fl-ismijiet ***Agostina sive Ina Cini et vs. L-Avukat tal-Istat et***, 13/3/2024.
[12] Art. 525(1) Kod. Ċiv.

abbażi ta' din il-presunzjoni li tista' tiġi ndotta mill-provi prodotti li din il-qorti qed tasal għall-konvinċiment tagħha li r-rikorrenti ppruvaw li għandhom possediment fit-termini tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

15. Hekk ukoll, il-provi prodotti mir-rikorrenti, konsistenti kemm minn kopji ta' xi riċevuti kif ukoll mix-xiehda ta' Claude Grima u tal-intimata Delia, jwasslu lill-qorti għall-fehma li ntwera wkoll li l-possediment tar-rikorrenti, u ċjoè l-Fond, kien tassew milqut minn kirja li kienet protetta bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza.

16. Niġu issa għall-meritu tal-ilment tar-rikorrenti.

17. Illi issa hija ġurisprudenza kopjuża dik li tqis li dawk il-liġijiet li jipprovdu għall-impożizzjoni ta' relazzjoni lokatizja fuq sidien ta' fondi urbani hija liġi li tfittex li tilħaq skop soċjali fl-interess ġenerali, u li għalhekk minnha nnifisha m'hijiex leżiva tal-jeddijiet fondamentali tal-istess sidien, li huma b'hekk imġiegħla li jkunu lokaturi ta' ħwejjiġhom. Kif osservat issa diversi drabi, l-iskop soċjali li l-leġiżlazzjoni mpunjata f'din il-kawża tippersegwixxi għandu jitqies bħala skop fl-interess pubbliku li jilleġittima l-istess leġiżlazzjoni. Madanakollu, fit-twettiq ta' leġiżlazzjoni bħal din, id-dmir tal-Istat ma jieqafx hemm. Ġie miktub li:

> The Court has broken down Article 1 of the First Protocol into its component parts and has gradually established the relationship between them. Its language has become familiar by frequent repitition. In Sporrong and Lönnroth v Sweden, the Court stated:
>
> [This provision] comprises three distinct rules. The first rule, which is of a general nature enounces the principle of peaceful enjoyment of property; it is set out in the first sentence of the first paragraph. The second rule covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; it appears in the second sentence of the first paragraph. The third rule recognises that the [contracting] states are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest, by enforcing such laws as they deem necessary for the purpose; it is contained in the second paragraph.
>
> In James v UK, the Court explained the relationship between the three sentences:

> The three rules are not distinct in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule.[13]

18. Illi fejn jiġi stabbilit li l-interferenza fit-tgawdija tal-possedimenti kellha bażi legali u leġittima, irid imbagħad jiġi mistħarreġ jekk dik l-interferenza tirrispettax bilanċ xieraq u ġust bejn il-ħtigiet tal-interess ġenerali tal-komunità u r-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwu. F'dan is-sens huwa spjegat li: «… *the Court assesses the proportionality of the contested measure by determining whether 'a fair balance' has been struck between the interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. This means, in particular, that:* there must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measure depriving a person of his possessions[14]. *Under this head, the Court may examine whether 'an individual and excessive burden' has been imposed on the individual. Where this is the case, there appears to be a strong presumption of a lack of proportionality, which can be refuted only if adequate remedies and procedural safeguards have been available*»[15].

19. Illi huwa proprju f'dan ir-rispett li l-Istat, kif rappreżentat mill-intimat Avukat tal-Istat, falla.

20. Illi l-artikolu 3 tal-Ordinanza kien ineħħi lis-sidien ta' fondi mikrija l-fakultà li jagħżlu li ma jġeddux il-kirja jew li jbiddlu l-kondizzjonijiet tal-kirja jekk mhux bil-permess tal-Bord li Jirregola l-Kera. Imbagħad l-artikoli 4 u 9 tal-istess Ordinanza kienu jipprovdu b'mod tassattiv iċ-ċirkostanzi li taħthom l-imsemmi Bord seta' jagħti l-permess għall-bdil fil-kondizzjonijiet tal-kirja jew għar-ripreża fil-pussess tal-fond mikri. Dawn id-dispożizzjonijiet għalhekk kienu jimponu r-rilokazzjoni forzata tal-

---

[13] Ara ***Harris, O'Boyle and Warbrick***, Law of the European Convention of Human Rights, 2nd edition, pġa. 666.
[14] See judgment of 21 February 1986, *James and Others*, A.98, p.34; judgment of 8 July 1986, *Lithgow and Others*, A.102, p. 50; judgment of 9 December 1994, *Holy Monasteries*, A.301-A, p. 34; judgment of 20 November 1995, *Pressos Compania Naviera S.A. and Others,* A.332, p.21.
[15] ***Van Dijk & Van Hoof***, Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Third Edition), §13.4.2.

fond fuq is-sidien lokaturi. Rilokazzjoni forzata li però kienet tfittex għan soċjali u għalhekk m'hijiex, min-natura tagħha nnifisha, illeġittima jew bla ġustifikazzjoni.

21. Illi n-nuqqas tal-leġiżlazzjoni mpunjata jinsab però fil-fatt li għal żmien twil ma kien maħsub jew provdut ebda metodu li permezz tiegħu is-sid tal-fond mikri seta' jitlob reviżjoni tal-kondizzjonijiet lokatizji li tkun tirrifletti ż-żieda konsiderevoli fil-valur tal-fond u fl-ammont tal-kera li dak il-fond seta' jġib kieku mikri fis-suq ħieles, bħal ma ġie eventwalment provdut bis-saħħa tal-emendi mwettqa bl-Att XXIV tal-2021.

22. Il-provi li hemm fl-atti juru li kien hemm diskrepanza notevoli bejn il-kera li kienet qed titħallas effettivament mill-intimata Delia u dik li, skont il-perizja ġudizzjarja teknika estiża f'dawn l-atti, seta' ipprokura l-fond in kwistjoni kieku nkera fis-suq miftuħ. Kif is-snin bdew igerbu u l-kera pagabbli mill-inkwilin baqgħet l-istess, il-valur tal-fond in kwistjoni żdied u baqa' jiżdied b'mod konsiderevoli, u hekk ukoll żdied b'mod konsiderevoli l-valur lokatizju tal-istess fond. Il-provi għalhekk juru li min kellu l-jedd jirċievi l-kera mill-Fond ġie deprivat mit-tgawdija sħiħa ta' ħwejġu u minflok, sabiex l-Istat jilħaq l-iskop soċjali leġittimu li jipprovdi akkomodazzjoni residenzjali lill-inkwilini, tqiegħed piż sproporzjonat fuqu billi d-deprivazzjoni relattiva ma saritx versu ħlas ta' kumpens li jista' jitqies adekwat.

23. Hawnhekk huwa opportun li l-qorti tieqaf ftit sabiex tfisser għaliex id-deprivazzjoni msemmija għandha titqies li ġiet imġarrba minn min kellu l-jedd li jirċievi l-kera, u mhux neċessarjament mis-sid jew sidien. Huwa issa punt ta' dritt riċevut dak li jistatwixxi li meta fuq proprjetà jkun hemm jedd t'użufrutt, is-sid għeri ma jistax jilmenta minn deprivazzjoni minħabba l-impożizzjoni maħluqa bid-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza. Bil-ħolqien ta' jedd t'użufrutt, is-sid huwa effettivament imċaħħad għal kollox mit-tgawdija ta' ħwejġu, iżda dan mhux b'effett tal-liġi mpunjata f'din il-kawża iżda b'effett tar-rieda tiegħu stess, jew tal-predeċessur tiegħu fit-titolu. F'dawk iċ-ċirkostanzi, is-sid għeri ma jistax jilmenta minn deprivazzjoni, għaliex huwa biss l-użufruttwarju li jkun qed iġarrab dik id-deprivazzjoni fir-rigward tal-possediment tiegħu, li huwa konsistenti mill-jedd li jieħu l-frottijiet u juża kif jixtieq l-oġġett li dwaru kien maħluq l-użufrutt tiegħu (ara f'dan is-sens ***Richard Zahra vs. L-Avukat tal-Istat***

***et***[16]; ***Joseph Pace et vs. Avukat tal-Istat et***[17]; ***Giovanna sive Jeanette Pocock vs. L-Avukat Ġenerali et***[18]).

24. Kif diġà ntqal, mar-rikors tagħhom ir-rikorrent hemżu dikjarazzjoni ffirmata min-nutar inkarigata minnhom. Il-qorti ġjà qieset li dik id-dikjarazzjoni ma tikkostitwiex prova skont il-liġi. Però la dik id-dikjarazzjoni kienet annessa mar-rikors promotur, u għalhekk magħha r-rikorrenti jorbtu l-pożizzjoni dwar it-titolu tagħhom, il-qorti se tkun qed tqis il-kontenut tagħha għal dak li jirrigwarda l-jeddijiet t'użufrutt imsemmija fih. Dan għaliex dik id-dikjarazzjoni ġiet addottata mir-rikorrenti u allura lilhom torbothom, b'mod li l-intimati mhux meħtieġa li jippruvaw dak li hemm dikjarat fiha. Kull parti hija mistennija li ġġib provi biss dwar dawk il-fatti li jkunu kontestati, u jekk xi fatt jiġi ammess minn parti, il-parti l-oħra tista' tistrieħ fuq dik l-ammissjoni mingħajr il-ħtieġa li ġġib prova ulterjuri[19].

25. Issa minn dik id-dikjarazzjoni, jirriżulta dan li ġej fir-rigward ta' jeddijiet t'użufrutt:

i. meta miet Angelo Grima fit-12 ta' Mejju 1961, l-użufrutt fuq il-patrimonju tiegħu kollu (kompriż il-Fond) tħalla lil ħutu Giuseppina Grima u Monsinjur Salvatore Grima;
ii. Giuseppina Grima mietet fl-10 ta' Frar 1981, filwaqt li l-Monsinjur Salvatore Grima miet fis-27 ta' Jannar 1990;
iii. sadanittant, l-eredi ta' Angelo Grima mietu wkoll u huma wkoll ħolqu użufrutt fuq il-ġid tagħhom;
iv. Carmelo Grima miet fid-19 ta' Jannar 1981, u ħalla użufrutt favur Emanuela Grima. Fid-dikjarazzjoni tan-nutar jingħad li Emanuela Grima mietet, imma mhux indikat meta mietet jew kemm kellha età. Wieħed mill-werrieta ta' Carmelo Grima, u ċjoè Alfred, miet fil-15 ta' Diċembru 2006 u ħalla użufrutt favur it-tieni mara tiegħu, Victoria;
v. Giuseppe Grima miet fit-28 t'Awwissu 1986, u ma ħalliex użufrutt.

[16] Qorti Kostituzzjonali, 25/10/2023.
[17] Qorti Kostituzzjonali, 12/7/2023.
[18] Qorti Kostituzzjonali, 29/3/2023.
[19] Ara f'dan is-sens ***Perit Carmel Mifsud Borg v. Kurt Farrugia*** (Appell Inferjuri, 11/12/2009).

26. Minn dan ir-riassunt, għandu jirriżulta li sas-27 ta’ Jannar 1990, kien għad hemm l-użufrutt favur il-Monsinjur Grima veljanti. Wara l-mewt tiegħu, it-tgawdija ta’ nofs indiviż tal-Fond għaddiet għand il-werrieta ta’ Giuseppe Grima, u ċjoè r-rikorrenti Carmelina Borg, Miriam Vella, Agostina sive Ina Cini, Angela sive Gillian Gauci Borda, u Edward Grima Baldacchino, Vanessa Frazier u Gordon Grima Baldacchino, kif ukoll Anjelica Ellul, Simon Grima u Claude Grima, li wirtu s-sehem ta’ Joseph Grima, iben Giuseppe. Dawn ir-rikorrenti bdew iġarrbu d-deprivazzjoni msemmija fil-paragrafi preċedenti ta’ din is-sentenza mit-28 ta’ Jannar 1990.

27. Fir-rigward tan-nofs indiviż li kien missi lil Carmelo Grima, jirriżulta li mal-mewt tal-Monsinjur Grima, ġie fis-seħħ l-użufrutt li kien imħolli favur l-armla ta’ Carmelo Grima, Emanuela. U għalkemm jingħad li Emanuela Grima mietet, ma tirriżulta minn imkien id-data tal-mewt tagħha. La din il-prova ma saritx, il-qorti ma tistax tippreżumi (ara f’dan is-sens u dwar fattispeċi simili ***Elfrida sive Freda Guillaumier et vs. Avukat Ġenerali***, Qorti Kostituzzjonali, 31/5/2023; kif ukoll ***Alfred Mallia Milanes vs. Joseph Fabri et***, Qorti Kostituzzjonali, 26/2/2024).

28. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-qorti qed issib li r-rikorrenti Gemma Brownrigg (illum l-atti f’isimha ġew trasfużu f’isem żewġha Joseph stante l-mewt tagħha), Charles Grima u Alfredo Grima, kif ukoll Alessandra Spiteri u Angelo Grima, ma wrewx li huma ġarrbu deprivazzjoni, la darba rriżulta li s-sehem tagħhom mill-Fond kien soġġett għal jedd t’użufrutt favur terzi, u ma ġie b’ebda mod muri jekk jew meta dak il-jedd t’użufrutt intemm.

29. Dan kollu għalhekk ifisser allura li d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza, diġà msemmija fil-paragrafi preċedenti ta’ din is-sentenza, sa fejn kienu jagħtu lill-intimata Delia l-fakultà li, kemm-il darba ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi tassattivament provduti fl-artikolu 9, tkompli tokkupa l-Fond b’titolu ta’ lokazzjoni minkejja r-rieda tas-sid, għalkemm ma humiex *ut sic* leżivi fil-konfront tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti msemmija fil-paragrafu sitta u għoxrin (26) ta’ din is-sentenza, jwasslu komunkwe għall-vjolazzjoni ta’ dawk il-jeddijiet minħabba l-fatt li l-leġiżlatur naqas milli jipprovdi mekkaniżmu li permezz tiegħu isseħħ reviżjoni tal-kondizzjonijiet tal-kirja li tkun b’xi mod radikata fuq il-valur tal-fond innifsu. Id-dritt tas-sid li jitlob reviżjoni tal-kondizzjonijiet tal-kirja skont l-artikolu 4 tal-Ordinanza qabel ġie emendat bl-Att XXIV

tal-2021 kien kompletament distakkat mill-valur tal-fond innifsu. Għalhekk l-imsemmija dispożizzjonijiet tal-Ordinanza b'ebda mod ma jistgħu jitqiesu li jagħtu lill-imsemmija rikorrenti rimedju biex jirċievu l-kumpens adekwat li jintroduċi l-element ta' proporzjonalità fil-piż li l-leġiżlazzjoni impunjata tqiegħed fuq is-sid tal-fond.

30. Illi bil-promulgazzjoni tal-Att X tal-2009, il-qagħda tagħhom ma tjibitx, tant li ż-żidiet li skont l-artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili kienu eżiġibbli xorta ma kkolmawx id-distakk bejn l-ammonti li, skont il-perizja teknika, kellhom jiġu perċepiti mir-rikorrenti kieku qiegħdu l-Fond in kwistjoni għall-kera f'suq ħieles. B'dawn l-emendi, ġie konservat il-jedd tal-inkwilin li jeżiġi r-rilokazzjoni tal-fond kontra r-rieda tas-sid, u ġie anki miżmum id-dritt tat-trażmissjoni tal-jeddijiet tal-inkwilin. L-introduzzjoni ta' xi limitazzjonijiet għal dan id-dritt ta' trażmissjoni, fil-fehma ta' din il-qorti, ma kellu ebda effett tanġibbli fuq il-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tas-sidien, billi ż-żmien meta s-sid seta' jistenna li jieħu l-pussess ta' ħwejġu lura baqa' miżgħud b'inċertezza kbira.

31. Illi fil-fehma tal-qorti, il-vjolazzjoni subita ma jistax jingħad li baqgħet tippersisti wara l-promulgazzjoni tal-Att XXIV tal-2021. Il-vjolazzjoni kkonstatata f'din is-sentenza, kif ukoll mill-ġurisprudenza l-oħra li titratta fattispeċi simili għal dan il-każ, hija naxxenti mill-fatt li l-leġiżlazzjoni mpunjata ma kinitx tipprovdi proporzjonalità bejn l-interessi ġenerali u l-piż imqiegħed fuq is-sid deprivat minn ħwejġu. Fil-fehma ta' din il-qorti, għandu loġikament isegwi li bil-promulgazzjoni ta' leġiżlazzjoni li tintroduċi dak l-element ta' proporzjonalità, il-vjolazzjoni tieqaf. U jekk il-vjolazzjoni tkun waqfet, mela ebda kumpens ma jkun dovut għaż-żmien li fih il-vjolazzjoni ma tkunx baqgħet tissussisti. Din jidher li kienet il-pożizzjoni addottata anki f'każijiet oħrajn li kellhom fattispeċi simili, anki jekk regolati minn liġijiet tal-kera differenti[20], u kif ukoll mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ***Rizzo and Others vs. Malta***, li ġie deċiż fis-16 ta' Jannar, 2024[21]. Għalhekk ma hemm ebda ħtieġa li din il-qorti tagħti ordnijiet skont l-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 319 tal-liġijiet ta' Malta.

---

[20] Ara ***Caterina Schembri et vs. Avukat tal-Istat*** (Qorti Kostituzzjonali, 12/7/2023) u ***B. Tagliaferro & Sons Limited vs. L-Avukat tal-Istat et*** (Qorti Kostituzzjonali, 12/7/2023).

[21] Ara, b'mod partikolari, §§45-46 ta' din id-deċiżjoni.

32. Illi jmiss issa li jiġi kkonsidrat il-kumpens spettanti lil dawk mir-rikorrenti li ġarrbu vjolazzjoni tal-jeddijiet tagħhom.

33. Illi llum hija ġurisprudenza assodata dik li tistabbilixxi kif għandhom jiġu kalkolati d-danni pekunjarji f'każijiet bħal dak odjern. Issir riferenza għad-deċiżjoni ***Erika Gollcher et vs. L-Avukat tal-Istat et*** (Qorti Kostituzzjonali, 26/1/2022), kif ukoll għad-deċiżjonijiet ***John Mary Buttigieg et vs. L-Avukat Ġenerali et*** u ***Jeremy Cauchi et vs. Avukat Ġenerali et***, ilkoll mogħtija mill-istess Qorti Kostituzzjonali fl-istess jum, fejn intqal:

> 27. Il-Qorti tkompli billi tosserva illi llum 'il ġurnata l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut f'dawn it-tip ta' każijiet issegwi l-kriterji ta' komputazzjoni stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Cauchi v. Malta** (QEDB, 25/03/2021). F'din is-sentenza ġie spjegat, in suċċint, illi sabiex jiġi likwidat kumpens xieraq għandu jsir tnaqqis ta' ċirka 30% mis-somma li kienet tkun perċepibbli mill-atturi fuq is-suq liberu minħabba l-għan leġittimu tal-liġi mpunjata, u tnaqqis ieħor ta' 20% fuq is-somma riżultanti sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi l-atturi kien jirnexxilhom jżommu l-proprjeta` mikrija tul iż-żmien relevanti kollha għall-prezzijiet indikati millperit tekniku. Mis-somma riżultanti għandha mbagħad titnaqqas il-kera perċepita mill-atturi, jew il-kera li kienet perċepibbli skont il-liġi.

34. Illi l-ammont perċepibbli f'kera skont il-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni kien stmat mill-perit tekniku kif ġej għaż-żmien rilevanti identifikat mill-qorti:

| **Sena** | **Ammont** |
|---|---|
| | |
| 1990-1991 | €1,372 |
| 1992-1996 | €5,640 |
| 1997-2001 | €10,080 |
| 2002-2006 | €12,450 |
| 2007-2011 | €19,100 |
| 2012-2016 | €20,040 |
| 2017-2020 | €20,184 |
| 2021[22] | €2,500 |
| TOTAL: | €91,366 |

[22] Għal din is-sena qed jitqiesu biss l-ewwel ħames xhur, sal-promulgazzjoni tal-Att XXIV tal-2021.

35. Minn dan l-ammont, il-qorti sabet li seħħet deprivazzjoni li laqtet lir-rikorrenti biss fir-rigward ta' nofs indiviż tal-Fond, billi fuq in-nofs indiviż l-ieħor kien hemm jeddijiet t'użufrutt li ma ġiex muri jekk u meta ntemmu.

36. L-ewwel irid isir tnaqqis ta' 30% mbagħad tnaqqis ulterjuri ta' 20% fuq l-ammont riżultanti, għar-raġunijiet spjegati fid-deċiżjonijiet ċitati. Dan it-tnaqqis iġib is-somma ta' €25,582.48.

37. Illi minn din is-somma imbagħad irid isir tnaqqis finali daqs l-ammont ta' kera effettivament imdaħħal mill-kirja tal-intimata Delia. Il-provi fl-atti dwar il-kera mħallsa huma skarni, però l-qorti qed tasal għall-ammont kumplessiv ta' €3,110, li minnu, nofsu għandu jiġi attribwit lis-somma fuq maħduma.

38. Dan iġib l-ammont totali ta' €24,027.48.

39. Mal-kumpens pekunjarju, irid jiżdied ammont ulterjuri bħala kumpens għall-ħsarat non-pekunjarji mġarrba minn dawk ir-rikorrenti li soffrew deprivazzjoni, kif fuq ingħad. Din il-qorti, tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ u taż-żmien li matulu pperdurat il-vjolazzjoni u fid-dawl tal-fatt li mill-atti ma rriżultatx xi ħsara morali partikolari sofferta mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-kirja protetta mertu tal-kawża, tqis li s-somma ta' €5,000 hija biżżejjed bħala kumpens taħt dan il-kap għall-vjolazzjonijiet ikkonstatati permezz ta' din is-sentenza.

40. Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq mogħtija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat sa fejn dawn huma inkonsistenti ma' dak ikkunsidrat f'din is-sentenza;

(ii) tiċħad it-talbiet sa fejn dawn saru mir-rikorrenti Gemma Brownrigg (illum l-atti f'isimha ġew trasfużu f'isem żewġha Joseph stante l-mewt tagħha), Charles Grima, Alfredo Grima, Alessandra Spiteri u Angelo Grima;

(iii) tilqa' l-ewwel talba biss sa fejn din saret mir-rikorrenti l-oħrajn Carmelina Borg, Miriam Vella, Agostina sive Ina Cini, Angela sive Gillian Gauci Borda, Edward Grima Baldacchino, Vanessa Frazier, Gordon Grima Baldacchino, Anjelica Ellul, Simon Grima u Claude Grima, u għalhekk tiddikjara u tiddeċiedi li, b'seħħ mit-28 ta' Jannar 1990, b'konsegwenza tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini, qabel ġiet emendata bl-Att XXIV tal-2021, kif ukoll tal-Att X tal-2009, inkisru d-drittijiet fondamentali ta' dawn ir-rikorrenti kif protetti mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea b'rabta mat-tgawdija tagħhom tal-fond bin-numru erbgħa u erbgħin (44) fi Triq il-Kbira fiż-Żejtun;

(iv) tilqa' t-tieni talba kif dedotta biss sa fejn saret mir-rikorrenti Carmelina Borg, Miriam Vella, Agostina sive Ina Cini, Angela sive Gillian Gauci Borda, Edward Grima Baldacchino, Vanessa Frazier, Gordon Grima Baldacchino, Anjelica Ellul, Simon Grima u Claude Grima;

(v) tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-kumpens sħiħ pagabbli lir-rikorrenti li ġarrbu vjolazzjoni fl-ammont ta' disgħa u għoxrin elf sebgħa u għoxrin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€29,027.48);

(vi) tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas il-kumpens kif likwidat, bl-imgħax legali dekorribbli mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

(vii) tordna li l-Avukat tal-Istat iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur